# Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

## IL-PULIZIJA (SPETTUR SHERONA BUHAGIAR) V. [redacted]

## MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**26 ta' Mejju 2025**

IL-QORTI,

rat l-imputazzjonijiet maħruġa kontra [redacted] ta' 35 sena, [redacted] (hawn imsejjaħ "l-imputat") li tressaq taħt arrest quddiemha fis-seduta tal-lum 26 ta' Mejju 2025 mixli illi;

**Nhar il-25 ta' Mejju 2025 u fil-granet ta' qabel, f'diversi ħinijiet, ġewwa dawn il-Gżejjer Maltin:**

1. **Bl-imgieba tieghu, ikkaguna lil martu [redacted], biza' li se tintuza vjolenza kontriha jew kontra l-proprjeta` taghha jew kontra l-persuna jew l-proprjeta` ta' xi hadd mill-axxendenti, dixxendenti, ahwa subien jew bniet u liema delitt twettaq bl-uzu jew it-theddid ta' arma; *Art. 251B, Art.251H(a)(g) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta***

2. **U aktar talli fl-istess data, hinijiet, lok u cirkostanzi, ghamel ingurji jew theddid mhux msemmija band'ohra fil-Kodici Kriminali lil martu [redacted], jew jekk kien ipprovokat, ingurja b'mod li hareg barra mil-limiti tal-provokazzjoni; *Art 339(e) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta***

**U aktar talli nhar it-22 ta' Mejju 2025 u fil-granet ta' qabel, f'diversi hinijiet, gewwa dawn il-Gzejjer Maltin;**

3. **Minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' martu [redacted] f'periklu car, volontarjament ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha, u cioe' offizi ta' natura hafifa ta'**

**importanza zghira hekk kif iccertifikatha Dr. Marie Claire Cini; *Art. 214, Art. 221(3)(a), Art. 222(1)(a), Art. 202(h)(i) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta***

rat li hija ġiet mitluba wkoll sabiex f'każ ta' ħtija, tapplika wkoll l-artikoli 382A, 383, 384 u 385 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta għas-sigurtà ta' [redacted];

rat li waqt is-seduta tal-lum meta sar l-eżami tal-imputat bla theddid, bla twegħid u bla ġurament ai termini tal-Art. 370, 390(1) u l-Art. 392 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, għall-mistoqsija tal-Qorti dwar jekk għandux oġġezzjoni illi l-każ tiegħu jiġi ttrattat bi proċedura sommarja u wara li l-Qorti tagħtu żmien xieraq sabiex iwieġeb għal din il-mistoqsija, l-imputat wieġeb li m'għandu l-ebda oġġezzjoni f'dan ir-rigward, filwaqt li għall-mistoqsija tal-Qorti dwar jixtieqx iwieġeb dwar il-ħtija o meno tiegħu, l-imputat wieġeb li huwa ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontrih,

rat illi l-Qorti ppostponiet il-kawża għal ftit minuti sabiex l-imputat jikkonsulta mal-avukat tiegħu u jerġa jaħsibha u dan wara li wissietu dwar il-konsegwenzi legali tal-ammissjoni tiegħu,

rat li meta reġgħet issejħet il-kawża l-imputat reġa wieġeb li huwa inkondizzjonatament ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu,

semgħet it-trattazzjoni dwar il-piena magħmula għan-nom

- tal-Prosekuzzjoni, mill-Ispettur Sherona Buhagiar,
- tad-Difiża, mill-Avukat Dr. Edward Gatt,

wara li rat l-atti kollha proċesswali,

qed tagħti din is-

## Sentenza

1. Fit-trattazzjoni dwar il-piena l-Prosekuzzjoni u d-Difiża nfurmaw lill-Qorti li kien hemm qbil informali bejniethom li l-imputat għandu jingħata *conditional discharge.* Fil-konsiderazzjonijiet tagħha dwar il-piena l-Qorti tqis illi minkejja li mhijiex obbligata illi tagħmel dan, hija għandha tagħti widen għal dan il-patteġġjament informali u fiċ-ċirkostanzi, tenut kont l-ammissjoni bikrija fl-ewwel stadju possibbli tal-proċeduri flimkien mal-fatt illi minkejja dak li joħroġ mir-*risk assessment,* is-sitwazzjoni sħiħa hija kemmxejn differenti minn dak li jirriżulta mad-daqqa t'għajn, hija sejra tagħti *conditional discharge* lill-istess imputat.

**Fid-dawl ta' tali stqarrija ta' ħtija inkondizzjonata imtennija l-Qorti wara li rat l-artikoli rilevanti tal-liġi u ċioe Art. 214, 221(3)(a), 222(1)(a), 202(h)(i), 251B, Art.251H(a)(g) 339(e) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet kollha fuq ammissjoni tiegħu stess u peress li l-Qorti għandha l-fehma li, fil-qies taċ-ċirkostanzi tal-każ, inkluż ix-xorta tar-reat u l-karattru tal-ħati, ma jkunx spedjenti li twaħħal piena u li ordni ta' probation, ordni ta' servizz**

**fil-komunità jew ordni ta' probation u servizz m'humiex adatti, il-Qorti qegħda tillibera lill-ħati b'kundizzjoni li ma jagħmel ebda reat matul il-perjodu ta' tlett (3) snin mil-lum.**

**Il-Qorti qegħda ai termini tal-Art. 382A tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta toħroġ Ordni ta' Trażżin fil-konfront tal-imputat a favur [redacted] għal perjodu ta' tlett (3) snin taħt dawk il-kundizzjonijiet elenkati fl-istess ordni li qed tiġi annessa mas-sentenza.**

**Il-Qorti fissret lill-ħati bi kliem ċar u li jinftiehem, l-effetti tal-*conditional discharge* u tal-Ordni ta' Trażżin u l-konsegwenzi legali f'każ li huwa jikser xi kundizzjoni tal-istess ordnijiet.**

V.G. Axiak | Y. M. Pace

Maġistrat | Dep. Reġistratur